



2020/2043(INI)

14.12.2020

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar "Lejn mekkaniżmu tal-UE ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera
kompatibbli mad-WTO"
(2020/2043(INI))

Rapporteur għal opinjoni: (*): Karin Karlsbro

(*): Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-għan tal-Unjoni Ewropea li tinkiseb tranżizzjoni soċjalment ġusta għan-newtralità klimatika sal-2050, kif ukoll il-mira ta' 60 % tnaqqis fl-emissjonijiet sal-2030 kif propost mill-Parlament; jitlob li tissokta ż-żieda fil-livell ta' ambizzjoni fl-isforzi klimatiċi fil-politika kummerċjali tal-UE kif ukoll f'ħafna sferi oħra tal-politika; jitlob li l-Ftehim ta' Pariġi u l-għan tiegħu ta' 1,5 °C isiru wieħed mill-prinċipji gwida ewlenin tal-politika kummerċjali, u li l-inizjattivi kummerċjali kollha u l-għodod ta' politika tagħhom iridu jiġu aġġustati għalih, billi jiġi inkluż, fost l-oħrajn, fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles (FTAs) bħala element essenzjali; jinsab konvint li tali politika kummerċjali mfassla apposta tista' tkun mutur importanti biex l-ekonomiji jitmexxew lejn id-dekarbonizzazzjoni sabiex jinkisbu l-oġettivi klimatiċi stabbiliti fil-Ftehim ta' Pariġi u fil-Patt Ekoloġiku Ewropew; jenfasizza li, bħala riżultat taż-żieda fl-ambizzjoni tal-UE dwar it-tibdil fil-klima, ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju jista' jiżdied; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura protezzjoni sħiħa mir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju fil-politiki kollha tagħha, filwaqt li tqis il-kompetittività tal-industrija Ewropea u tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs); jinnota li, filwaqt li fl-2018 l-Unjoni kienet naqqset l-emissjonijiet interni tagħha ta' gassijiet serra bi 23,2 % taħt il-livelli tal-1990, l-emissjonijiet tagħha ta' gassijiet serra inkorporati fil-kummerċ internazzjonali kienu qed jiżdiedu b'mod kostanti; jissottolinja li l-importazzjonijiet netti ta' beni u servizzi fl-UE jirrappreżentaw aktar minn 20 % tal-emissjonijiet interni ta' CO₂ tal-Unjoni;
2. Jappoġġja, fin-nuqqas ta' prezz globali tal-karbonju u ta' soluzzjoni multilaterali, l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera (CBAM) tal-UE li jkun ġust u trasparenti, effiċjenti u bbażat fuq is-suq bil-kundizzjoni li jkun kompatibbli mar-regoli tad-WTO u mal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles tal-UE (billi jkun nondiskriminatorju u ma joħloqx restrizzjonijiet moħbija fuq il-kummerċ internazzjonali) u li jkun proporzjonat, ibbażat fuq il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" u jkun adatt biex l-oġettivi tal-klima jintlaħqu b'mod effettiv; iqis li s-CBAM irid japplika għall-beni mill-pajjiżi terzi kollha li għadhom mhumiex parti minn skema effettiva ta' pprezzar tal-karbonju, jew miżuri ekwivalenti b'għanijiet u spejjeż simili għal dawk tas-Sistema tal-UE għan-Negożjar ta' Emissjonijiet (EU-ETS), biex tiġi evitata kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq l-orijini, u li l-ispejjeż għal ipprezzar inqas ambizzjuż tal-karbonju jridu jkunu deduċibbli mis-CBAM;
3. Jinsab konvint li l-oġettiv ta' CBAM għandu jkun li jiġi evitat ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għall-UE u għalhekk jikkontribwixxi għall-oġettiv ġenerali li jitnaqqsu l-emissjonijiet globali u li l-UE tiġi meġġjuna tissodisfa l-impenji tagħha; jenfasizza l-fatt li CBAM tal-UE huwa mfassal esklużivament biex jagħmel progress f'dawk li huma l-oġettivi tal-klima, kif ukoll biex inaqqas ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, u li dan għandu jsir b'mod proporzjonat u bbilanċjat, ikun ibbażat fuq l-evidenza u ma jridx jintuża ħażin bħala għodda biex isaħħaħ il-protezzjoniżmu, id-diskriminazzjoni inġustifikabbli jew ir-restrizzjonijiet

f'kundest globali tal-kummerċ internazzjonali li diġà huwa mgħobbi; jitlob li f'dan il-kundest tiġi evitata burokrazija eċċessiva; jinnota li waħda mill-konsegwenzi tal-miżura se tkun il-prevenzjoni tar-riskju ta' trasferiment tal-produzzjoni barra mill-UE, peress li tali rilokazzjoni tista' tannulla l-isforzi tal-UE biex tnaqqas l-emissjonijiet u tippromwovi l-politiki internazzjonali tal-UE dwar il-ħarsien tal-ambjent;

4. Jinnota li, sabiex ikunu kompatibbli mar-regoli tad-WTO, id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT), bħall-Artikolu I (il-prinċipju tat-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit), l-Artikolu III (il-prinċipju tat-trattament nazzjonali) u, jekk ikun meħtieġ, l-Artikolu XX (eċċezzjonijiet ġenerali) jistgħu jkunu l-bażi għal kwalunkwe tfassil tas-CBAM u l-unika loġika tiegħu għandha tkun strettament ta' bixra ambjentali – it-tnaqqis tal-emissjonijiet globali tas-CO₂ u l-prevenzjoni tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju;
5. Jitlob li sa nofs l-2021 jiġu ppreżentati valutazzjonijiet tal-impatt bir-reqqa, flimkien mal-proposta leġiżlattiva, għall-akbar trasparenza, u li jiġu pprovvuti inċentivi għall-kooperazzjoni, kif ukoll għall-involviment, mad-WTO u s-sħab kummerċjali tal-UE, f'koordinament mal-Parlament Ewropew; jinnota li l-valutazzjoni tal-impatt trid titwettaq bl-għan li jitnaqqas ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u, konsegwentement, tal-emissjonijiet globali totali; jitlob għalhekk lill-Kummissjoni tinkludi l-aspetti li ġejjin fil-valutazzjoni tal-impatt:
 - a. l-effetti tas-CBAM fuq l-innovazzjoni sostenibbli u l-bidliet fil-flussi kummerċjali u l-ktajjen tal-provvista;
 - b. valutazzjoni tal-valur miżjud tas-CBAM meta mqabbel ma' għażliet alternattivi;
 - c. setturi pilota possibbli għall-implimentazzjoni bikrija li fihom il-kontenut tal-karbonju tal-beni jkun faċilment identifikabbli;
 - d. l-impatt possibbli fuq l-industrija tal-UE li jista' jirriżulta minn mekkaniżmu ċċentrat biss fuq materjali bażiċi li jista' jwassal għal bidla fl-importazzjonijiet lejn prodotti intermedji u finali mhux koperti mill-mekkaniżmu, b'mod partikolari jekk il-mekkaniżmu jissostitwixxi l-miżuri eżistenti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju;
 - e. jekk u l-mod kif is-settur tal-enerġija għandu jiġi inkluż fil-każ speċifiku ta' importazzjonijiet ta' elettriku b'livell għoli ta' karbonju;
 - f. l-effetti possibbli fuq il-kumpaniji tal-UE, speċjalment l-SMEs, f'termini ta' kompetizzjoni globali jekk il-prodotti jiġu affettwati minn prezzijiet ogħla għall-komponenti tagħhom;
 - g. analiżi ta' kombinament ta' varjabbli ewlenin, inklużi s-setturi, il-pajjiżi u l-emissjonijiet ta' gassijiet serra inklużi fis-CBAM, u r-relazzjoni tagħhom mal-miżuri eżistenti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju;
 - h. kunsiderazzjoni speċjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati u dawk li qed jiżviluppaw biex jiġi żgurat li CBAM ma jkollux effett negattiv fuq l-iżvilupp tagħhom;

6. Jinnota li l-valutazzjoni tal-impatt trid tikkunsidra bir-reqqa kif is-CBAM jinteraġixxi mal-miżuri eżistenti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju skont l-Iskema tal-UE għan-Negożjar ta' Emissjonijiet (ETS), inkluż jekk il-miżuri attwali jew il-kwoti bla ħlas għandhomx ikunu komplementari għas-CBAM fil-fażi inizjali, jew jekk għandhomx jitneħħew, filwaqt li jiġu evitati l-protezzjoni doppja u d-diskriminazzjoni kontra l-importazzjonijiet, u jekk is-CBAM għandux jiġi introdott gradwalment jew le, sabiex tiġi żgurata l-kompatibbiltà tad-WTO, filwaqt li jinżammu l-prevedibbiltà u l-istabbiltà għall-kumpaniji tal-UE;
7. Jisħaq li kwalunkwe mekkaniżmu jrid joħloq inċentiv għall-industriji fl-UE u barra minnha biex jipproduċu prodotti nodfa u kompetittivi, u jevitaw ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, mingħajr ma jiġu pperikolati opportunitajiet kummerċjali; jenfasizza r-rwol li tali mekkaniżmu jista' jkollu, jekk ikun ibbilanċjat u implimentat b'mod xieraq, f'industriji intensivi fl-enerġija, bħall-azzar, is-siment u l-aluminju, minħabba l-esponiment kummerċjali li jgħaddu minnu dawk is-setturi u l-parteciġazzjoni tagħhom fl-ETS;
8. Jinnota li s-CBAM huwa parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew u għodda biex jintlaħaq l-għan tal-UE li ma jkun hemm l-ebda emissjoni netta ta' gassijiet serra fl-2050; jinnota li l-maġġoranza tas-setturi industrijali intensivi fl-użu tal-karbonju u tal-kummerċ jistgħu potenzjalment jiġu affettwati mis-CBAM, direttament jew indirettament, u li għandhom jiġu kkonsultati matul il-proċess; jinnota wkoll li s-CBAM jista' jinfluwenza l-ktajjen tal-provvista b'tali mod li dawn jinternalizzaw l-ispejjeż tal-karbonju; jisħaq li kwalunkwe CBAM għandu jkun faċli biex jiġi amministrat u ma jpoġġix piż finanzjarju u amministrattiv żejjed fuq l-intrapriżi, speċjalment l-SMEs.
9. Jitlob li d-dħul mis-CBAM jintuża biex jappoġġja l-azzjoni klimatika globali u Ewropea; jissuġġerixxi li d-dħul irid jerġa' jiġi investit fil-baġit tal-UE għall-finijiet tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' teknoloġiji newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju bħala appoġġ għat-tranżizzjoni sostenibbli tal-industrija, u fl-għajjnuna għall-klima biex tiġi żgurata l-kompatibbiltà mad-WTO;
10. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-erożjoni tas-sistema kummerċjali multilaterali; jistieden lill-Kummissjoni timpenja ruħha b'mod attiv mal-gvernijiet tas-sħab kummerċjali biex tiżgura djalogu kontinwu dwar din l-inizjattiva, u b'hekk tipprovdi inċentivi għal azzjoni klimatika kemm fl-Unjoni kif ukoll mis-sħab kummerċjali tagħha; jissottolinja li l-politika kummerċjali tista' u jmissha tintuża biex tippromwovi aġenda ambjentali pożittiva u biex jiġu evitati differenzi kbar fil-livelli ta' ambizzjoni ambjentali bejn l-UE u l-bqija tad-dinja, u li għandu jiġi mfassal CBAM bħala azzjoni li tikkomplementa l-azzjonijiet fl-ambitu tal-kapitoli kummerċjali u tal-iżvilupp sostenibbli tal-Ftehimiet ta' Kummerċ Fieles tal-UE; jissottolinja li l-għan aħħari tal-inizjattiva jrid ikun azzjoni globali li tagħmel is-CBAM superfluwu peress li l-bqija tad-dinja tilħaq il-livell ta' ambizzjoni li l-UE stabbiliet għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂; huwa għalhekk tal-fehma li s-CBAM għandu jitqies bħala mezz biex jgħin fl-aċċelerazzjoni ta' dan il-proċess u mhux bħala mezz ta' protezzjoniżmu; jistenna li l-Kummissjoni tibda negozjati dwar approċċ globali fil-qafas tad-WTO jew tal-G20;
11. Jappella għal metodu ta' kalkolu għall-kontenut tal-karbonju li ma jiddiskriminax bejn il-produtturi tal-UE u dawk ta' pajjiżi terzi, u li joqrob kemm jista' jkun lejn il-kontenut

reali tal-karbonju tal-beni kkonċernati; jinnota d-diffikultajiet relatati mal-kalkoli tal-kontenut tal-karbonju tal-prodotti mill-Istati Membri tal-UE u mill-pajjiżi terzi, u jitlob li jsiru sforzi kontinwi biex tiġi żgurata l-komparabbiltà tal-kontenut tal-karbonju tal-prodotti; jenfasizza li t-teknoloġija għat-traċċar u r-rintraċċar tal-kontenut tal-karbonju u l-prestazzjoni ta' prodotti kumplessi tista' tkun ta' għajjnuna fl-infurzar ta' CBAM għal dawk il-prodotti; jinnota li s-CBAM irid joħloq inċentivi għall-pajjiżi u l-produtturi biex jaqsmu l-informazzjoni dwar l-ipprezzar tal-karbonju u dwar il-kontenut tal-karbonju tal-prodotti;

12. Iqis li l-kummerċ internazzjonali u l-politika kummerċjali huma elementi ewlenin li jaġevolaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija globali newtrali għall-klima, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ċirkolari u, bħala tali, tappoġġja l-isforzi globali lejn il-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU u l-Ftehim ta' Pariġi; iqis li hemm hteġġa urġenti li ssir riforma komprensiva tad-WTO, li tippermettilha tiggarantixxi kummerċ ġust, filwaqt li fl-istess ħin tiġġieled kontra t-tiġin globali; jinnota li r-regoli tal-GATT imorru lura għall-1947 u huwa tal-fehma li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati mill-ġdid fil-kuntest attwali tal-kriżi klimatika; jistenna li l-Kummissjoni tiegħu inizjattivi urġenti għar-riforma tad-WTO sabiex tinkiseb kompatibbiltà mal-oġġettivi klimatiċi; jistieden lill-Kummissjoni tintensifika l-isforzi tagħha biex jinkiseb prezzar globali tas-CO₂ u jiġi ffaċilitat il-kummerċ f'teknoloġiji ta' protezzjoni tal-klima u l-ambjent, pereżempju permezz ta' inizjattivi ta' politika kummerċjali bħall-Ftehim dwar il-Beni Ambjentali tad-WTO.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	10.12.2020
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 34 -: 2 0: 5
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Barry Andrews, Anna-Michelle Asimakopoulou, Tiziana Beghin, Geert Bourgeois, Udo Bullmann, Jordi Cañas, Daniel Caspary, Miroslav Číž, Arnaud Danjean, Paolo De Castro, Emmanouil Fragkos, Raphaël Glucksmann, Enikő Győri, Roman Haider, Christophe Hansen, Heidi Hautala, Danuta Maria Hübner, Herve Juvin, Karin Karlsbro, Maximilian Krah, Danilo Oscar Lancini, Bernd Lange, Margarida Marques, Gabriel Mato, Sara Matthieu, Emmanuel Maurel, Carles Puigdemont i Casamajó, Samira Rafaela, Inma Rodríguez-Piñero, Massimiliano Salini, Helmut Scholz, Sven Simon, Dominik Tarczyński, Mihai Tudose, Kathleen Van Brempt, Marie-Pierre Vedrenne, Jörgen Warborn, Jan Zahradil
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Marco Campomenosi, Nicola Danti, Manuela Ripa

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

34	+
PPE	Anna-Michelle Asimakopoulou, Daniel Caspary, Arnaud Danjean, Enikő Győri, Christophe Hansen, Danuta Maria Hübner, Gabriel Mato, Massimiliano Salini, Sven Simon, Jörgen Warborn
S&D	Udo Bullmann, Miroslav Číž, Paolo De Castro, Raphaël Glucksmann, Bernd Lange, Margarida Marques, Inma Rodríguez-Piñero, Mihai Tudose, Kathleen Van Brempt
RENEW	Barry Andrews, Jordi Cañas, Karin Karlsbro, Samira Rafaela, Nicola Danti, Marie-Pierre Vedrenne
ID	Herve Juvin, Danilo Oscar Lancini, Marco Campomenosi
VERTS/ALE	Manuela Ripa, Heidi Hautala, Sara Matthieu
ECR	Emmanouil Fragkos
NI	Tiziana Beghin, Carles Puigdemont i Casamajó

2	-
ID	Roman Haider, Maximilian Krah

5	0
ECR	Geert Bourgeois, Dominik Tarczynski, Jan Zahradil
GUE/NGL	Emmanuel Maurel, Helmut Scholz

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni